**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**Vs**

**Claire Lynthia Cassar**

**Kaz Nru: 43/20**

**Illum 8 ta' Ġunju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Claire Lynthia Cassar, ta' 46 sena, bint Alfred Borg u Margaret nee Ciantar, imwielda Mtarfa, residenti 1, Margaret House, Santa Fulumena Street, Kalkara u detentriċi tal-karta tal-identita' numru 151774M

Akkużata talli fis-26 ta' Jannar 2016 għall-ħabta tas-12:00hrs u 13:00hrs fi Triq Rnella, Kalkara, Malta u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, f'Malta u f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Kellek fil-pussess tiegħek ir-raża meħuda mill-pjanta **Cannabis** jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża;
2. Kellek fil-pussess tiegħek id-droga **kokajina** speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-

Gvern skont id-disposiżżjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kontx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollok id-droga msemmija fil-pussess tiegħek u nqast li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilek għall-użu tiegħek skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi ( G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Kellek fil-pussess tiegħek id-droga **herojina** speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kontx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposiżżjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kontx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollok id-droga msemmija fil-pussess tiegħek u nqast li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilek għall-użu tiegħek skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi ( G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija titratta lill-imputata bħala li saret reċediva ai termini tal-artikoli 49, 50 ta-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi kienu mogħtija lil Claire Lynthia Cassar u li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat l-ordni tal-Avukat Ġenerali a tenur tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u li kkonferma l-istess ammissjoni wara li ngħatat żmien sabiex jirrikunsidra l-pożizzjoni tagħha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u għaldaqstant din ġiet sodisfaċentement ippruvata.

**Piena**

Inkwantu għall-piena li għandha tiġi erogata, din il-Qorti qegħda tieħu in kunderazzjoni n-natura tar-reati, il-fedina penali, iċ-ċirkostanzi tal-każ u l-ammissjoni.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikolu 8(a), ir-4 u s-6 Taqsima, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma twettaqx reat ieħor fi żmien sitt xhur millum.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-eżebit li għandu jiġi preżentat mill-uffiċċju prosekutur fi żmien xahar millum, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proces-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-ħatja l-konsegwenzi jekk hija tikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Josette Demicoli**

**Maġistrat**

**Cora Azzopardi**

**Deputat Reġistratur**